MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 556/2010

**Rikors Numru 556/2010 SM**

**GO P.l.c.**

**(C – 22334)**

**vs.**

**Melitanet Limited**

**(C – 20996)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 ta' Gunju, 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi bejn is-socjetajiet kontendenti hemm zewg kuntratti biex is-socjeta` rikorrenti tipprovdi servizzi dwar komunikazzjoni elettronika lis-socjeta` intimata;

1.2. Illi kuntratt minnhom hu datat it-23 t'Awwissu, 2005, intitolat *"Agreement for the Reselling of Services"*, (ara foll 4 *et* sequitur);

1.3. Illi kuntratt iehor hu datat il-21 ta' Gunju, 2009, intitolat *"Agreement for the Reselling of 2P Transit Services"*, (ara foll 30 *et* sequitur, li jinkludi wkoll xiri *t'2P transit"* addizzjonali, kif rifless ukoll fil-ftehim appozitu, (ara foll 51);

1.4. Illi s-socjeta` intimata kienet inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali taghha;

1.5. Illi *di piu`* is-socjeta` intimata kienet ukoll moruza fil-hlasijiet minnha dovuti;

1.6. Illi *nonostante* li debitament interpellata, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti u konsegwentement, kienet informata li s-servizzi lilha moghtija kienu ser jigu sospizi;

1.7. Illi *stante* li s-sitwazzjoni baqghet tippersisti, is-servizzi gew sospizi mis-socjeta` rikorrenti b'effett mill-10 ta' Marzu, 2010;

1.8. Illi *di piu`*, permezz t'ittra ufficjali datata it-12 ta' Marzu, 2010, is-socjeta` rikorrenti interpellat lil dik intimata biex:

1.8.1. Tassumi l-obbligi kuntrattwali taghha, u

1.8.2. Taghmel tajjeb ghas-somma minnha dovuta lis-socjeta` rikorrenti;

1.9. Illi *nonostante* dan, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.10. Illi rizultat tal-istess is-socjeta` intimata ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u tlettax -il elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sebghin centezmu, (€113,294.70), (ara foll 52);

1.11. Illi l-kreditu tas-socjeta` rikorrenti indikat fil-paragrafu precedenti hu cert, likwidu u dovut, u s-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda difiza valida x'tipproduci ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

1.12. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportune, din il-qorti:

1.12.1. Tilqa` t-talba tas-socjeta` rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *a tenur* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

1.12.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u tlettax –il elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sebghin centezmu, (€113,294.70), kif fuq indikat;

1.12.3. Bl-imghax mid-data tat-terminazzjoni tas-servizzi, senjatament mill-10 ta' Marzu, 2010;

1.12.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata;

2.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-13 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet:

2.1. Rat li s-socjeta` intimata ghandha risposti x'tipprezenta ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

2.2. Ikkoncediet it-terminu hemm indikat biex l-istess socjeta` intimata tipprezenta r-risposta guramentata taghha, (ara foll 59);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata t-2 t'Awwissu, 2010, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

3.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ma' tistax tinvoka l-applikazzjoni ta' l-akkordji li ghamlet mas-socjeta` intimata;

3.2. Illi s-socjeta` rikorrenti kissret l-artiklu 5(1)(d) ta' l-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.3. Illi qed tirriserva li tistitwixxi proceduri opportune fir-rigward;

3.4. Illi l-ammonti pretizi mis-socjeta` rikorrenti huma erronei u infondati;

3.5. Salv eccezzjonijiet ohra;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-20 ta' Ottubru, 2010, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat, (ara foll 65);

5. Rat id-digriet taghha, wkoll diversament preseduta, datat il-31 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu issostitwiet lill-assistent gudizzjarju *de quo,* bil-perit legali hemm indikata, (ara foll 68);

6. Rat il-verbal datat l-10 t'Ottubru, 2013, li permezz tieghu il-perit legali fuq indikata halfet u pprezentat ir-relazzjoni taghha, (ara foll 97);

7. Rat ir-relazzjoni peritali fuq riferita, (ara foll 105 *et sequitur*);

8. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 440), u kif sussegwentement estiz fuq talba ta' l-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata permezz tad-digrieti taghha rispettivament datati l-5 ta' Gunju, 2014, (ara foll 454), u z-19 ta' Novembru, 2014, (ara foll 455);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata s-26 ta' Marzu, 2014, (ara foll 442 *et* sequitur);

10. Tirrileva li s-socjeta` intimata baqghet ma ottemporatx ruhha ma’ l-obbligu taghha fuq indikat, u dan, minghajr ma’ resqet l-ebda raguni valida fil-ligi fir-rigward;

11. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi r-relazzjoni peritali sintetikament tistabbilixxi s-segwenti:

12.1. **Provi sottomessi mis-socjeta` rikorrenti:**

12.1.1. Illi l-kontendenti dahlu f’relazzjoni kummercjali fejn is-socjeta` rikorrenti obbligat ruhha li tipprovdi servizzi varji ta’ kommunikazzjoni elettronika lil dik intimata;

12.1.2. Illi s-socjeta` intimata obbligat ukoll ruhha li tixtri *“International 2P Transit”* addizjonali, (ara foll 51);

12.1.3. Illi skont ix-xhieda tar-rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti l-ammont komplessiv dovut lill-istess socjeta` mis-socjeta` intimata jammonta ghal mija u tlettax -il elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sebghin centezmu, (€113,294.70), u hu kompost bil-mod segwenti:

12.1.3.i. €59,999.70, (ara foll 111), (u mhux €95,999.70 kif indikat a foll 162), rapprezentanti hlas minnha dovut ghas-servizzi ta' *"Reselling of Services"*, (ara foll 52); u

12.1.3.ii. €53,295.00 bilanc dovut ghal servizzi ta' *"2P Transit and Routing Facilities"*, (ara foll 52);

12.1.4. Illi l-ammonti indikati fil-paragrafu precedenti kienu ilhom dovuti;

12.1.5. Illi ghalkemm is-socjeta` intimata gieli effettwat xi pagamenti dovuti jirrizulta wkoll li xi pagamenti li saru permezz ta' cekkijiet kienu *"referred to drawer"* u ghalhekk ma ssarfux, (ara foll 163);

12.1.6. Illi ghalkemm il-partijiet esploraw diversi metodi ta' pagament, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 113 *et sequitur*);

12.1.7. Illi eventwalment fid-9 ta' Marzu, 2010, is-socjeta` rikorrenti tterminat is-servizzi li kienet taghti lis-socjeta` intimata;

12.1.8. Illi ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna fil-konfront tas-socjeta` intimata;

12.2. **Provi sottomessi mis-socjeta intimata:**

12.2.1. Illi r-rapprezentant tas-socjeta intimata jsostni li l-kalkoli tas-socjeta` rikorrenti huma kkalkulati b'mod hazin, (ara foll 281);

12.2.2. Illi *nonostante* li l-istess rapprezentant indikat fil-paragrafu precedenti isostni li ma kienx qed jaqbel ma' l-ammonti mitluba mis-socjeta` rikorrenti, hu xorta wahda baqa f'relazzjoni kummercjali ma' l-istess socjeta`, (ara foll 284), ovvjament, sakemm ma din tterminat l-istess fid-9 ta' Marzu, 2010, (ara foll 118);

12.2.3. Illi ghalkemm kien hemm hafna negozjati bejn ir-rapprezentanti taz-zewg socjetajiet kontendenti biex jasslu ghal xi forma ta' soluzzjoni ghas-sitwazzjoni li inhalqet, il-ftehim awspikat m'avverax ruhhu;

12.2.4. Illi ghaldaqstant ittiehdet il-procedura odjerna;

12.3. **Konsiderazzjonijiet dwar il-Fatti:**

12.3.1. Illi essenzjalment il-procedura odjerna hi limitata ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-ammont minnha pretiz mis-socjeta` intimata ghas-servizzi minnha lilha rezi;

12.3.2. Illi rigward l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` intimata senjatament dik invokanti l-Kap 379 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq riferita, tirrileva sintetikament is-segwenti:

12.3.2.i. Illi l-qorti odjerna mhix idonea tittratta l-lanjanza tas-socjeta` intimata;

12.3.2.ii. Illi din l-eccezzjoni preliminari ghandha tigi respinta;

12.3.3. Illi rigward it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` intimata senjatament dik li l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti hu erroneu u infondat, tirrileva sintetikament is-segwenti:

12.3.3.i. Illi in effetti tali eccezzjoni hi “...ammissjoni tal-kreditu”, (ara foll 123), u dan, a bazi tas-sentenza tal-***“Qorti ta’ l-Appell”*** fl-ismijiet ***“Aluminium Limited vs. Earli Limited***, datata s-**16 ta’ Frar, 2004”**;

12.3.3.ii. Illi mix-xhieda prodotta mis-socjeta` intimata ma jirrizultax li din lahqet il-grad ta’ prova rikjest mill-ligi biex tipprova l-allegazzjoni taghha peress li naqset tipproduci dokumentazzjoni li tipperswadi lill-perit legali *de quo* biex takkolji l-versjoni taghha skont il-ligi, (ara foll 124);

12.3.3.iii. Illi bil-maqlub, is-socjeta` rikorrenti issostanzjat l-allegazzjoni taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata billi jirrizulta s-segwenti:

12.3.3.iii.a. *Email* datata l-10 ta' Dicembru, 2009, li permezz taghha l-istess rapprezentant legali tas-socjeta` intimata jammetti li hemm sensiela ta' cekkijiet ta' l-istess socjeta` mibghuta lil dik rikorrenti bhala pagamenti minnha dovuti li *ibbouncjaw*, (ara foll 249);

12.3.3.iii.b. Illi l-allegazzjonijiet t'*overbilling* huma fiergha u bla bazi, (ara foll 125);

12.3.3.iii.c. Illi s-socjeta` intimata lanqas kellha l-interess li tikkonduci kontro-ezami tax-xhieda imressqa mis-socjeta` intimata, (ara foll 126);

12.3.4. Illi ghaldaqstant, anke din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta, (ara foll 126);

12.4. **Konsiderazzjonijiet dwar l-imghaxijiet rikjesti mis-socjeta` rikorrenti:**

12.4.1. Illi din il-kwistjoni hi determinata mill-artiklu 1141 tal-Kodici Civili;

12.4.2. Illi sintetikament l-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti jistipula s-segwenti:

12.4.2.i. Obbligazzjoni kummercjali: l-imghaxijiet jibdew jiddekorru *ipso jure* minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita;

12.4.2.ii. F'kull kaz iehor: l-imghaxijiet jghaddu minn dak inhar li ssir is-sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju;

12.4.3. Illi fil-kaz in dizamina hu pacifiku li r-relazzjoni bejn il-kontendenti hi ta' natura kummercjali fejn is-socjeta` rikorrenti kellha tipprovdi servizz ghal pagament;

12.4.4. Illi ghalhekk ma tirrizulta li hemm l-ebda htiega li s-socjeta` rikorrenti tinterpella ufficjalment lis-socjeta` intimata kif fuq indikat biex jibdew jiddekorru l-imghaxijiet mitlubin;

12.4.5. Illi kif ritenut mill-**Qorti ta' l-Appell** fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Brincat ezercenti taht l-isem *Infocus Promotions* vs. Anna Caruana ezercenti taht l-isem *Plus Sizes***, datata it-**23 ta' Gunju, 2004**:

"... jinsab ritenut fid-decizjoni riportata a Vol XXXVIII p.III p. 642, fuq l-

insenjament u d-dottrina taljana, illi "debitu kummercjali likwidu u ezigibbli ta' somma ta' flus jipproduci interessi "di pieno diritto"

12.4.6. Illi ghaldaqstant, l-imghaxijiet involuti ghandhom jibdew jiddekorru *ipso jure* kif mitlub;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi in vista ta' l-annalizi suesposta, l-istess perit legali *de quo* ikkonkludiet is-segwenti:

13.1. Illi s-socjeta` intimata ghandha tkun ikkundannata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva fuq indikata, (ara paragrafu numru tnax punt wiehed punt tlieta, (12.1.3.), aktar qabel);

13.2. Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri legali dovut mill-10 ta' Marzu, 2010, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Ikkunsidrat:

14. Illi din il-qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-operat, fl-analizi u fil-konkluzjonijiet ta' l-abbli perit legali *de quo*, u

konsegwentement tiddikjara li qed taghmel taghha l-istess relazzjoni peritali u todottha *in toto*;

Ikkunsidrat:

15.0. Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta` intimata, takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk:

**DECIDE:**

15.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata *Melitanet Limited* thallas lis-socjeta` rikorrenti *GO P.l.c.* is-somma komplessiva ta' mija u tlettax -il elf, mitejn u erbgha u disghin Ewro u sebghin centezmu, (€113,294.70);

15.2. Tikkundanna wkoll lill-istess socjeta` intimata biex thallas l-imghax minnha dovut fuq is-somma komplessiva indikata fil-paragrafu precedenti skont il-ligi mill-10 ta' Marzu, 2010, sad-data ta' l-effettiv pagament;

15.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess socjeta` intimata *Melitanet Limited*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------